MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 246/1996/1

**Mariano Vella u b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2004, stante l-mewt ta' Mariano Vella fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Vella.**

**v.**

**Socjeta` "Gourmet Company Limited"**

**Il-Qorti:**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attur ipproceda kontra l-konvenuti bis-segwenti att ta' citazzjoni:-
Bis-sahha ta' skrittura privata tad-dsatax (19) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) l-attur ikkonceda lill-kumpanija konvenuta b'titolu ta' lokazzjoni l-kumpless kummercjali ossia l-azjenda ossia *business concern* konsistenti fil-gestjoni tal-fond "Gourmet Bar & Restaurant" Rabat Road, Xlendi, u store anness ma' l-istess fond u l-avvjament, il-permess, stock u oggetti kollha kontenuti fl-istess bar u dan versu l-kera ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) fis-sena matul l-ewwel erba' (4) snin, u hamest elef lira Maltin (Lm5,000) fis-sena matul it-tieni erba' (4) snin;

U illi l-klawsola numru erbgha (4) ta' dik l-iskrittura tghid illi:
"Jekk l-inkwilin ikun moruz fil-hlas ta' kull skadenza ta' kera u jibqa' hekk moruz ghal hmistax-il gurnata minn notifika lilu ta' ittra ufficjali li titolbu l-hlas, din il-lokazzjoni tigi xolta *ipse jure*, u s-sid ikun inititolat jiehu lura l-pussess ta' l-azjenda u tal-fondi fejn tinsab gestita immedjatament u minghajr htiega ta' ebda procedura gudizzjarja ulterjuri, salv dejjem id-dritt tieghu illi jithallas l-arretrati ta' kera dovuta lilu;"

U illi s-socjeta` konvenuta naqset illi thallas il-kera dovuta fit-tnejn (2) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) minkejja illi giet interpellata ghal dan il-ghan b'ittra ufficjali debitament notifikata lilha;

U illi l-fattispecja tal-kaz jinkwadraw ruhhom fit-termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 taht liema tigi prezentata citazzjoni bil-giljottina, u safejn jaf l-attur is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tqajjem kontra t-talbiet tieghu.

Talab ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:
1. Taqta' u tiddeciedi dan il-kaz bid-dispensa mis-smigh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12;

2. Tiddikjara illi l-lokazzjoni stipulata bis-sahha ta' l-iskrittura tad-dsatax (19) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) xjolta minhabba n-nuqqas tas-socjeta` konvenuta illi thallas l-iskadenza ta' kera dovuta fit-tnejn (2) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996);

3. Kwindi tawtorizza lill-attur jirripendi l-pussess ta' l-azjenda u *business concern* mikrija bis-sahha ta' l-imsemmija skrittura;

4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-iskadenza ta' kera dovuta fit-tnejn (2) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) ammontanti ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenuti hekk eccipew ghat-talbiet attrici.
1. Illi in linea preliminari l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur Mariano Vella u dan peress illi a tenur tal-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Dicembru 1996, din l-Onorabbli Qorti diga` iddecidiet li *prima facie* l-konvenut ghandu xi drittijiet, u effettivament il-Qorti akkordat lill-konvenut it-terminu ta' ghoxrin (20) jum ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet odjerna, u ghalhekk huwa evidenti li l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta kontra l-istess attur;

2. Illi t-tieni talba attrici ghandha wkoll tigi respinti billi l-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) hija nulla u bla ebda validita` la legali u lanqas fattwali, u hemm kawza li qed tigi intavolata u li propju titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex *inter alia* tiddeciedi, taqta' u tordna illi legalment u allura wkoll fattwalment l-iskrittura tad-19 ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) hija nulla u invalida u ghalhekk

dak li hu null *ab initio* jibqa' null ghal kull att konsegwenzjali u sussegwenzjali;

3. Illi ghaldaqstant il-premessa ta' l-atturi b'referenza ghall-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) hija fic-cirkostanzi sottomessi mill-konvenut insostenibbli ghar-ragunijiet li legalment it-titolu ta' lokazzjoni li ghandha s-socjeta` konvenuta ma jirrizultax mill-iskrittura privata msemmija imma minn ghejjun ohra li legalment kien u ghadu validu u kwindi stante li l-bazi ta' din il-kawza odjerna hija l-ewwel premessa ta' l-attur, ma hemmx lok li tali kawza tkompli tinstema' u ghalhekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-attur Mariano Vella;

4. Illi ghaldaqstant u minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet imsemmija, is-socjeta` konvenuta m'ghandha thallas ebda skadenza ta' kera allegatament dovuta fit-2 ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) allegatament ammontanti ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u dana ghar-ragunijiet indikati fl-ewwel tlett eccezzjonijiet hawn fuq imsemmija;

5. Illi l-istess jinghad ghat-tieni premessa ta' l-attur illi stante li din hija bbazata fuq klawsola numru erbgha (4) ta' l-iskrittura msemmija u peress li s-soceta` konvenuta qed issostni li tali skrittura hija nulla u invalida u a bazi ta' dan hemm kawza li qed tigi intavolata ghal dawn ir-ragunijiet tali premessa u allegazzjoni da parti ta' l-attur ma tistax tigi b'xi mod accettata sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' din il-kawza l-ohra li qed tigi intavolata u l-istess socjeta` konvenuta odjerna fi hsiebha li tipprezenta kopja legali ta' din ic-citazzjoni li qed tigi intavolata permezz ta' nota separata ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti odjerna u b'referenza ghal din ic-citazzjoni partikolari hawn fuq imsemmija, u cioe` numru 246/96 (MM) fl-ismijiet kif fuq riferiti;

6. Illi ghaldaqstant, ukoll it-tielet talba ta' l-attur ghandha tigi respinta, billi huwa ovvju li l-attur m'ghandu l-ebda jedd legali li jirriprendi l-pussess ta' l-azjenda u *business concern* mikrija bis-sahha ta' skrittura li s-socjeta`

konvenuta qed tindika li hija nulla u invalida, apparti mill-fatt li jidhru ovvju li l-proceduri odjerni saru b'malizzja da parti ta' l-attur kif ukoll saret l-iskrittura tad-19 ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) u li ghal din ir-raguni ahharija u diversi ragunijiet ohrajn legalment fondati, l-iskrittura tad-19 ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) ma ghandha ebda validita` fil-ligi u ghalhekk ma jistghu jsiru ebda atti konsegwenzjali u sussegwenzjali fuqha inkluz ic-citazzjoni odjerna intavolata nhar it-3 ta' Dicembru 1996;

7. Illi ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta m'ghandha tbati ebda forma ta' spejjez u tirriserva li tiehu dawk l-azzjonijiet legalment u fattwalment kollha spettanti lilha skond il-ligi ghal kwalsiasi forma ta' danni li gew sofferti, u ghadhom qed jigu sofferti mill-istess socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

8. Salvi eccezzjonjijiet ohra ulterjuri.

**<u>IS-SENTENZA</u>**

Fit-13 ta' April 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat sentenza li biha iddecidiet illi iddikjarat illi l-lokazzjoni stipulata bis-sahha ta' l-iskrittura tad-dsatax (19) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) hija xolta minhabba n-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li thallas l-iskadenza tal-kera dovuta fit-tnejn (2) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996).

Tawtorizza lill-attur li jirriprendi l-pussess ta' l-azjenda u *business concern* mikrija bis-sahha ta' l-imsemmija skrittura u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-iskadenza tal-kera dovuta sat-tnejn (2) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996) ammontanti ghal hamest elef lira (Lm5,000). Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**<u>MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

Illi b'sentenza moghtija llum stess il-Qorti ddikjarat illi l-iskrittura vinkolanti bejn il-partijiet hija dik tad-dsatax (19)

ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija tnejn u disghin (1992) li kkopja ufficjali taghha tinsab esebita bhala Dokument “A” a fol. 6 ta’ dan il-process. F’din l-istess decizjoni l-Qorti cahdet talba tas-socjeta` konvenuta ghad-dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ l-istess ftehim.

Fit-termini tal-klawsola numru erbgha (4) fit-tieni parti ta’ l-imsemmija skrittura l-partijiet ftehmu illi:

“Jekk l-inkwilin ikun moruz fil-hlas ta’ kull skadenza ta’ kera u jibqa’ hekk moruz ghal hmistax-il gurnata min-notifika lilu ta’ ittra ufficjali illi titolbu l-hlas, din il-lokazzjoni tigi xjolta *ipso jure*, u s-sid ikun intitolat jiehu lura l-pussess ta’ l-azjenda u tal-fondi fejn l-istess tinsab gestita immedjament u minghajr htiega ta’ ebda procedura gudizzjarja ulterjuri; salv dejjem id-dritt tieghu illi jithallas l-arretrati ta’ kera dovuta lilu;”

L-inkwilin f’dan il-kaz hija s-socjeta` konvenuta.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta` konvenuta ghamlet erba’ (4) pagamenti ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000) -il wahda ghall-fini tal-kera ta’ l-istabbiliment minnha gestit. Il-pagament dovut ghall-iskadenza tat-2 ta’ Novembru ta’ l-elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) baqa’ ma thallasx. Irrizulta mill-provi illi fit-termini ta’ l-istess klawsola saret ittra ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta fit-tlieta (3) ta’ Novembru ta’ l-elf disa’ mija sitta u disghin (1996) u notifikata l-ghada l-erbgha (4) ta’ Noovembru. Minkejja din l-ittra ufficjali kif xehed l-istess attur dan il-pagament baqa’ ma sarx. Kwindi ma hemmx aktar x’isir hlief li l-Qorti tiddikjara lis-socjeta` konvenuta moruza fil-hlas ta’ skadenza ta’ kera u li tosserva t-termini ta’ l-istess klawsola tal-ftehim fuq imsemmi.

**<u>APPELL KONVENUTI</u>**

Il-konvenuti appellaw minn dina s-sentenza fuq is-segwenti aggravji:

Illi l-aggravju tas-socjeta` esponenti huwa car u manifest billi din il-kawza kienet qed tistenna u ssegwi il-kawza citazzjoni numru 127/97.

Illi din il-kawza minkejja li kienet qed tistenna u ssegwi l-kawza l-ohra tan-nullita` citazzjoni numru 127/97 giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' April 1999, liema data inghatat is-sentenza bi ksur tad-drittijiet kollha tas-socjeta` attrici ta' Gustizzja Naturali u senjatament dik ta' l-Audi Alteram Partem.

Illi f'din il-kawza s-socjeta` konvenuta kienet ghadha la ressqet l-ebda Provi jew xhieda taghha, ma resqitx sottomissjonijiet taghha u jew trattazzjoni taghha jew tiehu konjizzjoni tas-sentenza fil-kawza l-ohra konnessa citazzjoni numru 127/97 qabel il-prosegwiment ta' din il-kawza.

Huma talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka contrario imperio d-digrieti tad-9 ta' Frar 1999, 23 ta' Marzu 1999, 25 ta' Marzu, 7 ta' April 1999 u tat-13 ta' April 1999 u tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tat-13 ta' April tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, u minflok, jew tirrinvija dawn l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni billi l-provi kollha ta' l-appellanti ma kienux gew ezawriti u s-sentenza tal-Prim Istanza inghatat minghajr l-appellanti nghataw l-opportunita` illi jqabbdu avukat tal-fiducja taghhom jew li l-Qorti tahtar avukat ghalihom skond il-ligi sabiex jaghmel il-kontro ezami tax-xhieda tal-konvenut, jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu u jaghmel trattazzjoni finali, jew fin-nuqqas, minflok, tilqa' t-talbiet taghhom kif dedotti bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DINA L-QORTI

### Talbiet ta' l-appell

Fir-rikors ta' l-appell taghhom il-konvenuti (appellanti) qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka kontrario imperio d-digrieti tad-9 ta' Frar 1999, 23 ta' Marzu 1999, 25 ta' Marzu 1999, 7 ta' April 1999 u 13 ta' April 1999 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, **u tilqa' t-talbiet taghhom kif dedotti bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta appellata**. Dina l-ahhar talba ma taghmilx sens billi l-

appellanti kienu konvenuti fil-kawza fil-prim istanza u donnu qed jaghtu ad intendere li din il-Qorti ghandha tichad l-appell.

**Degrieti**
Illi d-degrieti msemmija kienu diga` l-mertu ta’ l-appell (deciz illum stess) fil-kawza Citaz Nru 234/97 fl-ismijiet Gourmet Company Limited et vs Nutar Paul George Pisani et, fejn talba simili giet trattata u michuda.

Inoltre jigi rilevat li l-istess digrieti kienu wkoll il-mertu tar-rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet Domenico Savio et vs Avukat Generali deciz fit-12 ta’ April 1999 fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma kienu gew lezi bl-ebda mod id-drittijiet tar-rikorrenti protetti bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.  (ara kopja tas-sentenza ezibita a fol. 325 et seq).

Ghalhekk it-talba ghar-revoka ta’ l-imsemmija degriet qed tigi michuda.

**Smigh xieraq**
Illi l-uniku agravju ta’ l-appellanti huwa li din il-kawza kienet qed tistenna u ssegwi l-kawza l-ohra citazzjoni Nru. 127/97 fejn kienet qed tigi kontestata l-validita` ta’ l-iskrittura ta’ lokazzjoni tad-19 ta’ Settembru 1992 izda minkejja dana l-kawza thalliet ghas-sentenza u giet deciza fit-13 ta’ April 1999 bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta`appellanti billi ma kinitx ghadha ressqet l-ebda provi jew xhieda taghha.

Illi dan l-ilment ta’ l-appellanti kien gie ezaminat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fuq riferita li kienet qalet hekk:
“”Fil-kawza “Mariano Vella v. Socjeta` Gourmet Company Limited” (Citaz. 246/96 MM), l-attur Vella kien iddikjara li ma kellux aktar provi gia` fl-udjenza tat-18 ta’ Marzu, 1997.  Minn dik id-data l-kawza kienet dejjem qed tistenna li s-socjeta` konvenuta tressaq il-provi taghha.  Ghal diversi ragunijiet li din il-Qorti m’ghandhix ghalfejn tidhol fihom, dawn il-provi baqghu ma ingabux, pero` ghandu jigi emfasizzat li dawn ma ingabux mhux ghax dik il-Qorti b’xi

mod ostakolat lis-socjeta` konvenuta milli ggibhom, izda ghax evidentement is-socjeta` konvenuta ma kellha ebda ghaggla biex tressaq il-provi taghha biex il-kawza tkun tista' tibqa' ghas-sentenza.

Fid-dawl ta' dan kollu li ghadu kif inghad, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti Spiteri u Gourmet Company Limited inghataw, opportunita` adegwata sabiex jipprezentaw il-kaz taghhom. Kienu huma li ma ghamlux uzu mill-opportunita`, anzi opportunitajiet, lilhom moghtija. Il-kuncett ta' "equality of arms" ma jfissirx li parti f'kawza ghandha d-dritt li tirregola hi l-andament tal-proceduri, jew li tressaq il-provi taghha meta u kif trid hi.

Ghalhekk il-Qorti ma tara li gew lezi b'ebda mod id-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Anzi din il-Qorti tqis dana r-rikors fic-cirkostanzi kollha bhala wiehed kemm frivolu kif ukoll vessatorju peress li huwa semplicement kontinwazzjoni ta' l-abbuz tal-process gudizzjarju gia` mibdi u perpetrat mir-rikorrenti fit-tlett kawzi in kwistjoni (Citaz. 246/96 MM, 127/97 MM u 234/97 MM).

Illi dina l-Qorti ezaminat il-process ta' dina l-kawza (Citaz 246/96) u jirrizulta b'mod car li kienu ntalbu diversi differimenti minn naha tal-konvenuti appellanti u l-kawza thalliet diversi drabi ghas-smigh tal-provi tal-konvenuti (appellanti) izda ma tressqux provi u Savio Spiteri, id-direttur tas-socjeta` konvenuta, ghazel li ma jixhidx. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-appellanti gew imcahhda minn smigh xieraq.

Il-konvenuti appellanti kienu ghamlu l-kawza 127/97 li fejn talbu li l-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru 1992 tigi dikjarata nulla. B'sentenza tat-13 ta' April, 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ddikjarat illi l-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru, 1992, kienet valida ghal kull effett tal-ligi u vinkolanti bejn il-partijiet li ffirmawha u cahdet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom. B'sentenza in parte tal-31 ta' Mejju, 2000, il-Qorti ta' l-Appell cahdet l-aggravji kollha ta' l-atturi appellanti, hlief l-aggravju dwar il-meritu, li bihom sostnew li huma ma

kellhomx smigh xieraq mill-ewwel Qorti u ilmentaw minn diversi digrieti fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, liema digrieti huma kienu qed jitolbu r-revoka taghhom. Imbaghad b'sentenza tad-19 ta' Novembru, 2001, il-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet l-appell li kien jirrigwarda l-aggravju dwar il-meritu deciz bl-imsemmija sentenza tat-13 ta' April, 1999, u s-sentenza appellata giet ikkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti Gourmet Company Ltd u Domenico Savio sive Savio Spiteri.

Kienet saret talba ghar-ritrattazzjoni ta' dawn is-sentenzi izda l-Qorti ta' l-appell kienet cahdet it-talbiet tar-rikorrenti ritrattandi bl-ispejjez gudizzjarji kontra taghhom.

**Verbal**

B'verbal tal-10 ta' Mejju 2005 l-appellanti ddikjaraw li in-vista tas-sentenza fil-kawza Cit. Nru. 127/97 u c-cedoli ta' depozitu maghmula wara l-istess sentenza, il-mertu huwa ezawrit. L-appellanti pprezentaw kopja ta' l-ittra ufficjali ta' Anthony Vella tal-20 ta' Jannar 2005; Kopja ta' cedola ta' depozitu dwar 4 skadenzi ta' kera ta' Lm5,000 -il wahda, rapprezentanti l-iskadenzi 1 ta' Novembru 1996, 1997, 1998 u 1999; kopja ta' bank draft tal-Bank of Valletta ghal Lm20,000 u kopja ta' ricevuta tar-Registru tal-Qorti ghas-somma ta' Lm20,013.00, spejjez inkluzi.

Skond l-appellanti issa l-kera hu mhallas, ossija depozitat fir-Registru tal-Qorti ferm aktar milli hemm indikat fit-talbiet tac-citazzjoni. Ghalhekk il-mertu llum jinsab ezawrit. Il-kera ulterjuri ta' Lm40,000 mitlub fl-ittra ufficjali (para e) qed jigi kontestat. L-appellanti ghalhekk qed jippretendu li l-appell hu ezawrit.

Illi skond klawzola 4 ta' l-iskrittura tad-19 ta' Settembru 1992

"Jekk l-inkwilin ikun moruz fil-hlas ta' kull skadenza ta' kera jibqa' hekk moruz ghal hmistax-il gurnata minn notifika lilu ta' ittra ufficjali li titolbu l-hlas, din il-lokazzjoni tigi xjolta *ipso jure*, u s-sid ikun intitolat jiehu lura l-pussess ta' l-azjenda u tal-fondi fejn tinsab gestita immedjatament u minghajr htiega ta' ebda procedura

gudizzjarja ulterjuri, salv dejjem id-dritt tieghu illi jithallas l-arretrati ta’ kera dovuta lilu;”

Illi l-ewwel Qorti kiemet sabet li l-konvenuti kienu moruzi fil-hlas ta’ l-iskadenza ta’ kera dovuta fit-2 ta’ Novembru 1996 u ghalhekk il-lokazzjoni fuq imsemmija tad-19 ta’ Settembru 1992 kienet giet xjolta u ghalhekk awtorizzat lill-attur biex jirrprendi l-pussess ta’ l-azjenda u business concern bis-sahha ta’ l-imsemmija skrittura.

Mill-verbal u mid-depozitu li sar mill-konvenuti fl-2005 jirrizulta li l-iskadenzi mill-1996 sa l-1999 ma kienux thallsu meta kienu dovuti. L-attur kien interpella b'ittra ufficjali lill-konvenuti biex ihallsu l-ammont dovut izda l-hlas ma sarx ghalhekk il-konvenuti kienu ddekadew mid-drittijiet lokatizzji taghhom u d-depozitu li issa sar ma jistax jirravviza l-lokazzjoni li kienet giet dikjarata xjolta. Skond l-imsemmi Artikolu 4 *is-sid hu intitolat jiehu lura l-pussess immedjatament, salv dejjem id-dritt tieghu li jithallas l-arretrati ta’ kera dovut lilu*.

Apparti l-aggravju dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` appellanti ghal smigh xieraq senjatament dik ta’ l-Audi Alteram Partem, l-appellanti ma ressqu ebda aggravju iehor dwar il-mertu tat-talba taghhom ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**Rikors ghal esekuzzjoni provizjorja tas-sentenza**
Kwantu ghar-rikors tas-7 ta’ Settembru 1999 biex tigi ordnata provizorjament l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Prim Istanza, li ma jidhirx li gie degretat, f’dan l-istadju ma hemmx aktar lok li jinghata provvediment dwaru stante li l-kawza qed tigi definittivament deciza.

**DECIZJONI**
Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell
U tikkonferma s-sentenza appellata
bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------